**16 ta' Jannar, 1963**

**Imħallef:**
**Onor. J. Caruana Colombo, B.Litt., LL.D.**

Vincenzo Vella

*versus*

Carmela armla Sciberras

**Preskrizzjoni qasira — Art. 2253 (a) Proċ. Ċiv. — Ġurament tad-debitur — Rinunzja.**

*Jekk l-attur jagħżel li jikkumbatti l-preskrizzjoni eċċepita bil-ġurament tal-konvenut, huwa ma jkunx jista' sussegwentement jikkumbatti dik il-preskrizzjoni b'mezzi oħra għax ikun implicitament irrinunzja għalihom.*

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur wara li jippermetti illi hu fuq inkarigu tal-konvenuta għamel fil-fondi tal-konvenuta skond kif jirriżulta mill-anness prospett (Dok. A) diversi xogħlijiet u spejjeż li jammontaw komplessivament għas-somma ta' mija disa u ħamsin lira (£159); u billi l-konvenuta sallum għadha ma ħallset xejn; — jitlob illi, wara li jingħataw d-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha meħtieġa, il-konvenuta tkun kundannata tħallsu s-somma ta' mija u disa' u ħamsin lira (£159) jew verjuri ammont ieħor għal motivi fuq riferiti. Bl-imgħax legali u bl-ispejjeż, kompliżi dawk tal-ittra uffiċjali tat-3 ta' Diċembru, 1961, kontra l-konvenuta;

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur u d-dokument minnu prodott maċ-ċitazzjoni;

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet tal-konvenuta, li biha teċċepixxi, preliminarjament, il-preskrizzjoni ta' tmintax-il xahar a

termini tal-artikolu 2253 (a) tal-Kodiċi Ċivili. Salvi eċċezzjonijiet oħra;

Illi huwa eżatt li l-azzjoni eżerċibili mill-attur, bħala dik ta' ħlas għal xogħlijiet u spejjeż li hu jippretendi li għamel b'inkarigu tagħha, — xogħlijiet li kif jidher mid-dokument prodott maċ-ċitazzjoni u kif ukoll jirriżulta mill-provi huma dawk ta' mastrudaxxa — hija soġġetta għall-preskrizzjoni ta' tmintax-il xahar, skond l-artikolu 2253 (a) tal-Kodiċi Ċivili li jiddisponi illi jaqgħu bil-preskrizzjoni bil-egħluq ta' tmintax-il xahar, fost oħrajn l-azjonijiet ta' mastrudaxxi u ta' persuni oħra li jaħdmu sengħa għall-prezz ta' xogħol tagħhom jew tal-materjal li jfornu;

Illi ma hemmx dubju li x-xogħol li jsemmi l-attur ġie minnu esegwit aktar minn tmintax-il xahar qabel il-preżentata taċ-ċitazzjoni.

Illi darba li ġiet sollevata l-preskrizzjoni fil-meritu, l-attur proprjament ma jistax jagħmel ħaġa oħra ħlief jagħti l-ġurament lill-konvenuta, minnu allegata debitriċi tiegħu; għalkemm hu jista' wkoll jissolleva l-kwistjoni li, għal xi raġuni, bħal ta' interruzzjoni, sospensjoni jew rinunzja ma hemmx preskrizzjoni (Vol. XXX, i, 542); imma jekk l-attur jagħżel il-mezz tal-ġurament, u l-konvenut ikun ħalef skond il-liġi, l-attur ma jkunx jista' jagħżel mezz ieħor; billi meta l-kreditur jitlob li jingħata lid-debitur il-ġurament, dan ifisser li hu qiegħed jirritjeni bħala ammisibili l-preskrizzjoni eċċepita u li ma kienx hemm ebda sospensjoni jew interruzzjoni tagħha, u li jrid jipprova l-mezz estrem tad-delazzjoni tal-ġurament: b'dan il-mezz hu jkun qiegħed jirrimetti ruħu fil-kuxjenza tad-debitur U malli d-debitur jaħlef skond il-liġi, fuq talba tal-kreditur, il-mezz tad-difiża, konsistenti fil-preskrizzjoni, isir perfett (Vol. XXX, i, 998);

Illi l-attur għażel il-mezz tal-ġurament, u l-konvenuta, imsejħa minnu, fuq mistoqsija espressa tiegħu wieġbet, bil-ġurament, li ma għandhiex tagħtih.;

Illi għalhekk hemm fil-każ odjern l-elementi għall-akkoljiment tal-preskrizzjoni eċċepita mill-konvenuta ċioè l-egħluq taż-żmien u l-ġurament tal-konvenuta.

Għar-raġunijiet premessi,

Tilqa' l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenuta, u konsegwentement tirrespinġi d-domanda ta' l-attur, bl-ispejjeż kontra tiegħu.